# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 17 ta' Frar, 2025

**Kawża Nru. 9**

**Rik. Nru. 16/2021 ISB**

**Terracore Limited (C 32227)**

**vs**

**TACA Insaat Ve Ticaret A.S., tramite fergħa Malta bin-numru OC1225 u b'digriet tas-6 t'April 2022 ST Hotels Ltd (C 78678) ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*, u b'digriet tat-13 ta' Jannar, 2023 Deha Turkel passaport Tork bin-numru U14817365 ġie awtorizzat jintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tas-soċjeta’ **Terracore Limited (C 32227)** tat-22 ta’ Frar 2021.

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta’ Diċembru 2021, il-partijiet qablu li l-Qorti tagħti provvediment parzjali fir-rigward ta’ l-ewwel talba kontenuta fir-rikors promotur.

Rat illi bi provvediment tas-17 ta’ Novembru 2023, din il-Qorti ħatret lir-Riċevitur Uffiċjali bħala amministratur provviżorju tas-soċjeta’ intimata TACA Insaat Ve Ticaret A.S. (OC 1225).

Rat illi b’rikors tal-15 ta’ Novembru 2024, l-istess Riċevitur Uffiċjali talbet lill-Qorti sabiex jiġi ordnat ix-xoljiment u l-konsegwenzjali stralċ tas-soċjeta’ intimata TACA Insaat Ve Ticaret A.S. (OC 1225) u dan ai termini tal-**Artikolu 214(2)(a)(i)** u **214(2)(b)(iii)** tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi is-soċjeta’ rikorrenti tispjega li s-soċjeta’ intimata TACA Insaat Ve Ticaret A.S. (OC 1225) hija allegatament waħda minn ħafna kredituri, elenkati fir-rikors promotur, li għandha s-soċjeta’ intimata f’Malta, li l-ammonti pretiżi minnhom jammontaw għal madwar ħames miljun Ewro (€5,000,000). Tgħid li kemm is-soċjeta’ rikorrenti nnifisha kif ukoll kredituri oħra ħadu miżuri kawtelatorji iżda ma ġie ddepożitat xejn ħlief xi makkinarju u somma ta’ ċirka ħmistax-il elf Ewro (€15,000). Tgħid li minn riċerki li saru fir-Reġistru Pubbliku rriżulta li s-soċjeta’ intimata m’għandha l-ebda propjeta` immobli f’Malta. Tispjega li hi m’għandhiex aċċess għall-kontijiet bankarji tas-soċjeta’ intimata <u>iżda jidher li abbandunat għal kollox il-preżenza tagħha f’Malta</u>.

Mill-provi prodotti jirriżulta ukoll:

Fix-xhieda tagħha, **Claudette Fenech in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji** tgħid li s-soċjeta’ intimata TACA INSAAT VE TICARET AS ġiet reġistrata fis-27 ta’ Settembru 2018 u l-fajl jikkontjeni biss il-*Memorandun & Articles of Association*. Tikkonferma li kontijiet u prospetti annwali <u>qatt</u> ma ġew sottomessi.

Fix-xhieda tiegħu **Etienne Scicluna in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili** ppreżenta lista ta’ kawżi pendenti kontra s-soċjeta’ intimata, lista ta’ kawżi deċiżi kontra l-istess soċjeta’ intimata u

jikkonferma li ma kienx hemm appelli, lista ta' ittri uffiċjali fil-konfront tal-istess soċjeta' intimata u lista ta' Sekwestri kawtelatorji u Mandat ta' Qbid kawtelatorji li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom. Jgħid li saru żewġ ċedoli ta' depożitu, waħda fl-ammont ta' madwar ħmistax-il elf Ewro (€15,000) u oħra ta' tlett miljun u sitt mitt elf Ewro (€3,600,000). Jikkonferma li fit-tfittxija tiegħu ma rriżultawlux mandati eżekuttivi u subbasti.

Fix-xhieda tiegħu, **Tolga Akkurt** jgħid li hu azzjonist fis-soċjeta' intimata iżda mhux direttur minħabba li rriżenja minn dik il-kariga f'Mejju 2020. Jgħid li d-direttur illum huwa Mohamed Muftah Abdulahafith Ben Zablah li huwa d-direttur u l-president tal-kumpanija u li jabita fil-Libja u fit-Turkija u ilu jokkupa l-kariga minn Awissu 2020. Jgħid li hu qiegħed isegwi l-affarijiet ġewwa Malta minħabba li ġraw meta kien direttur. Mistoqsi jekk il-Bord jiltaqax b'mod regolari, jgħid li sas-sena 2020 kien jiltaqa` regolarment. Jgħid li l-kumpanija għandha sitt impjegati fil-preżent u ilha hekk għall-aħħar sentejn. Jispjega li l-kumpanija dejjem topera b'mhux aktar minn għaxar (10) impjegati u meta jkun hemm proġett jagħmlu użu minn *sub-contracting*. Mistoqsi jekk hemmx impjegati li xogħolhom huwa f'Malta jgħid li le iżda hemm impjegat li qiegħed isegwi l-proċeduri pendenti.

Jispjega li s-soċjeta' intimata intavolat proċeduri ta' *concordium* fit-Turkija fejn talbet protezzjoni mill-kredituri tagħha stante li kellha dejn ta' madwar tnax-il miljun Ewro (€12,000,000) li ġie mitlub f'salt. Jgħid li dan kien fis-seħħ għal ħames xhur, wara liema sar eżerċizzju minn awdituri u rriżulta li l-kumpanija fit-Turkija kellha iktar assi milli djun u għalhekk il-*concordium* ġie rilaxxat u issa l-kumpanija qiegħda fi stadju li tinnegozja mal-banek. Jgħid li l-Qorti fit-Turkija rrilaxxat lill-kumpanija u mhux iddikjaratha insolventi.

Mistoqsi dwar id-debiti kkonfermati li għandha l-kumpanija fil-fergħa tagħha f'Malta, jgħid li hemm debitu ta' żewġ miljun Ewro (€2,000,000) li jirriżultaw minn deċiżjonijiet tal-Qorti u debitu ta' żewġ miljun Ewro (€2,000,000) skont ftehim ma' Attard Brothers. Mistoqsi jekk hemm kredituri oħra jgħid li ma jafx li hemm ħlief Neriku Catering li ser jippruvaw jaslu fi ftehim miegħu li kif ikun hemm il-finanzjament jitħallas.

Mistoqsi jekk hemmx djun mal-banek Maltin jgħid li hemm Euro Bond ta' sitt miljun Ewro mal-Bank of Valletta (€6,000,000) relatata mal-proġett ta' Malta City Centre. Mistoqsi kif l-kumpanija bi ħsiebha tħallas lill-kredituri Maltin, jgħid li minn flus li ġejjin minn kawżi u pendenzi oħra.

Mistoqsi jekk il-kumpanija għandhiex uffiċji f'Malta, jgħid li le għax m'għadhiex topera minn hawn Malta iżda x-xogħol kollu relatat ma' Malta isir minn ġewwa t-Turkija. Mistoqsi jekk hemmx flus fil-banek Maltin, jgħid li hemm miljun Ewro (€1,000,000) dovuti mid-Dipartiment tal-VAT, kif ukoll bejn tmien mitt elef Ewro u miljun Ewro (€800,000 - €1,000,000) fi stocks li jistgħu jinbiegħu faċilment.

Fix-xhieda tiegħu, **Arthur Gauci** jgħid li hu jokkupa l-kariga ta' Direttur ma' Malta Health Care Caterers Limited. Jispjega li r-relazzjoni mas-soċjeta' intimata bdiet minn proġett ta' bini ma' kumpanija terza, imbagħad is-soċjeta' Malta Health Care Caterers Limited għażlet li taħdem mas-soċjeta' intimata għall-proġett ta' San Vinċenz. Jgħid li f'dak iż-żmien id-direttur kien Toca Tajar u llum huwa Libjan li qatt ma kellhom kuntatt miegħu. Jikkonferma li hemm proċeduri pendenti bejn Malta Health Care Caterers Limited u s-soċjeta' intimata quddiem l-International Court u l-ICC.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi ir-Riċevitur Uffiċjali, fil-kapaċita' tagħha ta' Amministratur Provviżorju tas-soċjeta' intimata **TACA Insaat Ve Ticaret A.S. (OC 1225)** ressqet rikors fil-15 ta' Novembru 2024 u permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex din tgħaddi għax-xoljiment u konsegwenti stralċ tal-imsemmija kumpannija intimata.

Dan tagħmlu wara li ppremettiet illi minkejja diversi tentattivi sabiex tikkomunika u tiġbor informazzjoni dwar il-kumpannija mingħand Tolga Akkurt, li xehed f'dawn l-odjerni proċeduri kif fuq indikat, hija ma otteniet ebda informazzjoni peress illi dan Akkurt qatt ma rrisponda. L-Amministratur Provvizorju tgħid illi in vista tal-fatt illi l-kumpannija lanqas il-kontijiet annwali awditjati mar-Reġistru tal-Kumpanniji ma rreġistrat kif rikjest bil-liġi, allura lanqas viżibilita' tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpannija ma għandha. Żżid tgħid ukoll illi minħabba nuqqas ta' fondi u nuqqas ta' interess tad-diretturi, huwa wisq probabbli illi hija ma tkunx f'pożizzjoni illi tipprepara u tqabbad awditur sabiex jagħmel l-*audited accounts*.

F'dan l-isfond, l-Amministratur Provviżorju stqarret illi ser ikun diffiċili ferm għaliha illi taqdi l-inkarigu tagħha kif mitlub mil-liġi u mill-Qorti, ukoll in vista ta' numru ta' talbiet ta' ħlas li qed isiru minn terzi kredituri. Ukoll fl-isfond tal-fatt illi l-kumpannija ilha inattiva għal ħafna snin, l-Amministratur

Provviżorju qed titlob issa lill-Qorti sabiex ixxolji l-kumpannija ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(i) u 214(2)(b)(ii) tal-KAP 386.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi għal din it-talba wieġbu kemm is-soċjeta' rikorrenti Terracore Limited, u kif ukoll is-soċjetajiet intervenuti Malta Healthcare Caterers Limited u ST Hotels Limited, li min-naħa tagħhom ma opponewx, anzi f'xi każijiet aderixxew ruħhom mat-talba mressqa mill-Amministratur Provvizorju.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-Artikolu **214(2)(a)(i)** jgħid espressament hekk:

> *(a) kumpanija tista' xxolji u tkun stralċjata mill-qorti fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:*
>
> *(i) jekk in-negozju tal-kumpanija jkun sospiż għal perjodu bla waqfien ta' erbgħa u għoxrin xahar;*

Illi, isegwi għalhekk li *ai termini* tal-Artikolu 214(2)(a)(i), l-element li jrid jiġi ppruvat hu illi l-kumpanija għaddiet jew għaddejja minn perjodu ta' almenu erbgħa u għoxrin (24) xahar bin-negozju sospiż.

Il-Qrati tagħna ġja kellhom opportunità jesprimu ruħhom dwar dan.

Ingħad:

> *Ir-rekwizit tad-disposizzjoni huwa s-sospensjoni tan-negozju tal-kumpannija għal perijodu bla waqfien ta` erbgha u ghoxrin (24) xahar. Ir-rekwizit huwa materja ta` fatt.*[1]

Mill-provi prodotti kif hawn fuq esposti in sinteżi, huwa ċar li n-negozju tal-kumpaniji ilu wieqaf u mill-provi prodotti jirriżulta illi l-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija ilu ma jiltaqa' mis-sena 2020, mpjegati tal-kumpannija f'Malta ma fadalx, il-kumpannija ma għandhiex uffiċċju f'Malta u hemm biss direttur wieħed illi ma jagħmel kuntatt ma' ħadd, la ma' min suppost kien f'negozju mal-kumpannija (bħal Malta HealthCare Caterers Ltd) u lanqas mal-amministratur proviżorju, kif minnha stess dikjarat.

---

[1] 70/2020JZM Nasell Aviation Ltd vs X u 26/2019JZM Ruben J. Bajada vs Grifo Malta Ltd it-tnejn decizi 25.02.2021

Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi dan ir-rekwiżit, b'mod fattwali, ġie ppruvat.

**Aċċertat għalhekk illi jirriżultaw ippruvati r-rekwiżiti tal-Art 214(2)(a)(i), il-Qorti ma ssibx diffikultà tuża u teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tordna x-xoljiment u l-istralċ tal-kumpanija intimata TACA Insaat Ve Ticaret A.S. (OC 1225).**

**In vista tas-suespost, u ladarba jeżistu l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex din il-Qorti tordna x-xoljiment u l-istralċ tal-kumpanija intimata taħt l-Artikolu 214(2)(a)(i), din il-Qorti mhux serja teżamina jekk jeżistux r-rekwiżiti tal-Artikolu 214(2)(b)(iii).**

**Ulterjorment, u peress illi qed jintlaqa' r-rikors mressaq lill-amministratur provviżorju tal-15 ta' Novembru 2024, il-Qorti ser tgħaddi biex tastjeni milli tippronunzja ruħha fir-rigward tat-talbiet fir-rikors promotur ta' Terracore Limited tat-22 ta' Frar 2021 li baqgħu ma ġewx deċiżi.**

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti l-voti tal-liġi sabiex tkun tista' tgħaddi biex takkolja t-talbiet tal-amministratur provviżorju kif mressqa fil-15 ta' Novembru 2024 (fol 1140) u tenut kont tal-assjem ta' fatti u ċirkostanzi li jirriżultaha l-Qorti, din il-Qorti qegħda:

1. **Tastjeni** milli tippronunzja ruha fir-rigward tat-talbiet numru tnejn (2) u tlieta (3) tar-rikors promotur tas-soċjeta' Terracore Limited tat-22 ta' Frar 2021.

2. **Tiddikjara** illi *ai termini* tal-Artikolu 214(2)(a)(i) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kumpanija intimata **TACA Insaat Ve Ticaret A.S. (OC 1225)** ilha iktar minn erbgħa u għoxrin xahar ma topera u għalhekk hija ġustifikata t-talba għax-xoljiment.

3. **Tordna** x-xoljiment u l-istralċ tas-soċjetà intimata TACA Insaat Ve Ticaret A.S. (OC 1225) u dana b'effett mill-15 ta' Novembru 2024 ai termini tal-Artikolu 223(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. **Tinnomina u taħtar stralċatarju** tas-soċjeta' **TACA Insaat Ve Ticaret A.S. (OC 1225)** lir-**Riċevitur Uffiċjali** u tagħti lill-istralċarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fosthom illi:

a) Wara li tikseb dikjarazzjoni dwar il-qagħda tal-kumpannija de quo, *ai termini* tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, tħejji rapport lill-Qorti *ai termini* tal-Artiklu 227 tal-istess KAP 386,

b) Tagħmel il-verifiki kollha neċessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpaniji *de quo* u jekk ikun il-każ, tirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

c) Tieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tagħha kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpanija **TACA Insaat Ve Ticaret A.S. (OC 1225)** jista' għandha, u dan *ai termini* tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

d) Tagħmel u Tiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpaniji *de quo*.

e) Tirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpanija jista' għandhom,

5. **Tordna** lill-istralċjarju sabiex tippreżenta rapport tal-ħidma tagħha sa qabel l-udjenza li jmiss.

6. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jitħallsu mis-soċjeta' intimata.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-Riċevitur Uffiċjali u lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**